

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 106/2019****tal-11 ta' April 2019****li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2019/1236]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni <sup>(1)</sup> jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-deċiżjoni tirrigwarda l-inkorporazzjoni, fil-Ftehim ŻEE, ta' miżuri ta' kontinġenza unilaterali tal-UE adottati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern f'każ ta' rtirar tar-Renju Unit mill-UE mingħajr ftehim (xenarju ta' ebda ftehim). Il-Ftehim ŻEE mhuwiex imfassal biex jindirizza r-relazzjonijiet bejn l-Istati taż-ŻEE u r-Renju Unit, bħala Stat terz. Għalhekk, l-inkorporazzjoni hija aċċettata fuq bażi eċċezzjonali u bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' kontinġenza tkun limitata għall-perjodu ta' żmien qasir ħafna wara l-irtirar. L-inkorporazzjoni ma tistax tintuża bħala preċedent fil-futur u f'każijiet oħra relatati mal-miżuri tal-UE li jaffettwaw pajjiżi terzi.
- (3) Għalhekk, jenħteġ li l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 64c (id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE) tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE:

"64d. **32019 R 0502:** Ir-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 49).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-Artikolu 4(3) ma għandux japplika.

(b) Il-paragrafu li ġej għandu jidded mal-Artikolu 15:

'4. L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-kumitat stabbilit skont il-paragrafu 1 u fi ħdanu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief id-dritt għall-vot."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2019/502 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-11 ta' April 2019, jew fil-jum ta' wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*), liema minnhom jiġi l-aħħar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 49.

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

---